MINUTI

Laqgħatal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

Il-Ħamis, 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Kunsill Lokali San Lawrenziltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-09:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
James Grima – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali San Lawrenz*
*22A, Triq id-Duluri*
*San Lawrenz*
*Tel: 21563556*

## 30.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

30.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 30.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

30.2.1 Is-Sindku qal li kien tassew sodisfatt li din is-sena kien hemm parteċipazzjoni sabiħa fil-European Mobility Week, fosthom il-*carpooling*.

30.2.2 F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża għaliex daħal ċittadin li xtaq jagħmel rikjesta lil Kunsill. Il-ħin kien 09:10am.

30.2.3 Il-laqgħa tkompliet fid-09:15am.

30.2.4 Is-Sindku fakkar li wasal iż-żmien li nibdew naħsbu għat-tiżjien tal-Milied. Hu qal ukoll li s-siġra tal-Milied kif kienet ippjanata s-sena l-oħra kważi lesta pero għad-fadal id-dekorazzjonijiet tat-toroq. Saret diskussjoni fuq it-tiżjien u sar qbil fuqu.

30.2.5 Is-Sindku qal li rigward il-pjan għall-latrina fir-raħal, hu se jiltaqa' mal-Perit u jerġa jinforma lil Kunsill b'aġġornament.

30.2.6 Is-Sindku qal li kellu rikjesta mingħand is-Sur James Grima sabiex jiġi jagħmel tnax –il ġimgħa training l-uffiċini tal-Kunsill bħala parti mill-iskema tal-Jobsplus. Il-Kunsill qabel.

30.2.7 Is-Sindku wera s-sodisfazzjoni tiegħu għall-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru Hon. Justyne Caruana. F'din il-laqgħa qal li ġie diskuss il-proġett tal-Housing, l-iżvillup sostennibli fid-Dwejra, Triq id-Duluri u ċ-ċentru ċiviku.

30.2.8 Is-Sindku qal li wara il-laqgħa li saret bejn il-Kunsill u l-operatur tal-CCTV cameras Anthony Saliba, kien hemm qbil li bħala operaturi,se jibdlu s-sistema sabiex il-cameras jibdew juru n-numri tal-pjanċi tal-karozzi kif hemm deskritt fil-*quotation document*. Wara dan il-ftehim, intbagħtet emejl mill-istess operatur fejn qal li l-ispecifications li qed nitolbu (li huma filfatt dawk li hemm fil-*quotation document*) bħala operaturi huma qatt ma jistgħu jagħmluhom u għalhekk saqsew jekk bħala Kunsill irridux li dawn jitneħħew. Il-Kunsill qabel li dawn jitneħħew minnufih mingħajr ma jsiru ebda spejjeż lil Kunsill.

30.2.9 Is-Sindku qal li bagħat emejl lil Ministru Carmelo Abela sabiex jitlob l-għajnuna għall-proġett ta' skambji bejn żgħażagħ Maltin u Awstraljani li permezz

tagħhom nistiednu żgħażagħ li ġejjin mit-2 u t-3 ġenerazzjoni mill-lokalità tagħna sabiex ikunu jistgħu jistħarġu u japprezza w aktar l-għeruq u l-identità tagħhom fl-Awstralja. Hu kompla jgħid li kif ikollu risposta se jinforma lil Kunsill minnufih.

30.2.10 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li waslet emejl mingħand il-fisjoterapista is-Sjr Pippa Xuereb fejn offriet is-servizzi tagħha tul ix-xahar ta' Novembru fejn isiru sessjonijiet għall-anzjani għall-prevenzjonijiet mill-waqgħat. Dawk li jattendu jistgħu jagħtu donazzjoni li se tmur għat-tfal nieqsa minn bżonnijiet bażiċi fil-Fillippini. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn is-sessjonijiet.

30.2.11 Is-SE qalet li waslet emejl mingħand il-moviment Kerygma fejn se jsir premju għall-zgħażugħ jew grupp ta' zgħażagħ li ħadmu u jaħdmu fil-qasam volontarjat u Kristjan. Wara diskussjoni sar qbil li ninnominaw lis-Sur Lawrence Cauchi.

30.2.12 Is-SE qalet li waslet emejl mingħand it-Transport Malta fejn għarrfuna li aħna r-rebbieħa tal-ewwel premju għall-*European Mobility Week Permanent Measures Competition.* Dan kien ifisser li l-Kunsill ġie ippremjat €50,000 sabiex jimplimenta l-proġett propost tal-Mobilita' Ekoloġika f'San Lawrenz. Il-Kunsilliera urew sodisfazzjoni għal din ir-rebħa u wedgħu li se jagħmlu li jistgħu sabiex dan il-proġett ikun ta' benefiċċju kbir għar-residenti ta' San Lawrenz kif ukoll min jagħmel użu minnu.

30.2.13 Is-SE qalet li waslet emejl mingħand l-amministrazzjoni tal-*Community Workers Scheme* fejn qed jitolbu li nagħtu r-rapport għall-performance bonus tal-ħaddiema tagħhom. Wara diskussjoni sar qbil li peress li kienu saru diversi warnings lis-Sur Gauci u Sur Bartolo u l-imġieba tagħhom baqgħet l-istess, dawn għandhom jingħataw percentaġġ mhux il-*full.* Rigward s-Sjr Sharon Mizzi, sar qbil li tingħata l-percentaġġ il-*full* għaliex dejjem ħadmet mal-Kunsill b'għaqal u kif suppost.

30.2.14 Is-SE qalet li tqassmu fondi mir-Reġjun sabiex jintużaw għall-tarmak fit-toroq. Il-Kunsill ta' San Lawrenz ġie allokat € 9615.38. Sar qbil li jinħareġ Tender għall-parti min Triq il-Wileġ.

## 30.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

30.3.1 Il-KunsillierJoseph Cauchi qal li kien jaf b'raħal fl-Italja fejn qed joffru somma flus għall-dawk li jiddeċiedu li jmorru jgħixu f' dakir-raħal. Hu kompla jgħid li din tkun ideali għar-raħal tagħna sabiex issir *repopulation.* Is-Sindku qal li din hija idea sabiħa pero tajjeb li naraw jekk hix legali allura ġie ssuġġerit li nistgħu insaqsu lid-Dipartiment għall-gwida.

30.3.2 Il-Kunsillier Anthony Formosa issuġerixxa li jsiru slipperries signes ħdejn l-*islipway* tad-Dwejra minħabba li saru diversi inċidenti din is-sena u tkun idea tajba li nagħmlu tabella oħra n-naħa ta' wara biex ikun hemm avviż lejn kull direzzjoni. Il-Kunsill qabel.

30.3.3 F'dan il-ħin il-laqgħa ġiet sospiża għaliex daħal ċittadin li xtaq jagħmel suġġeriment lil Kunsill. Il-ħin kien 10:30am.

30.2.4 Il-laqgħa tkompliet fid-10:40am.

## 30.4 Ċelebrazzjoni mill-125 sena mit-Twaqqif tar-Raħal

30.4.1 Is-Sindku qal li fid-data tal-għeluq mill-125 sena mit-twaqqif tar-raħal, tkun idea tajba li noħorġu pubblikazzjoni li tfakkar l-istess komunita'. Hu kompla jgħid li jkun xieraq ukoll li nagħmlu tifkira oħra li tfakkar lil Dun Salv Portelli li kien l-ewwel kappillan tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel.

## 30.5 Tender tal-Locality Assistant

30.5.1 Is-SE qalet li t-tender tal-Locality Assistant għalaq u il-bord iltaqa'wkoll. Peress li l-bidder jiġu ħu l-Viċi Sindku Anthony Formosa, iddikjara konflitt u irtira mill-laqgħa. Il-Kunsill qabel mal-bord tal-evalwazzjoni u qabel li jintagħżel is-Sur Victor Formosa li kien l-unika applikant.

30.5.2 Wara li ttieħdet id-deċizjoni, il-Viċi Sindku Anthony Formosa ġie msejjaħ jidħol lura.

## 30.6 Tender għall-Manutenzjoni tal-Bring in Sites

30.6.1 Is-Sinkdu qal li irċivejna stima mingħand il-Perit Micallef u nistgħu noħorġu t-tender għall-Bring in Sites. Il-Kunsill qabel

## 30.7 Swejjaq Diċembru 2017

30.7.1 Is-Sindku qal li għalkemm ma ġiex aċċetata l-applikazzjoni għall-fondi taħt l-iskema kulturali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, hu jemmen li Swejjaq ta' Diċembru għandu jsir xorta. Il-Kunsill qabel mas-Sindku li jsir l-avveniment kif ukoll li għandu jkun abbinat mal-Fiera tad-Dundjani.

## 30.8 European Week for Waste Reduction 2017

30.8.1 Is-SE qalet li din is-sena l-EWWR se tkun minn 18 – 26 ta' Novembru. Wara diskussjoni sar qbil fuq l-attivitajiet fosthom li jitqabbad repairman kwalifikat sabiex isewwi affarjiet bil-ħsara flok li jintremew.

## 30.9 Talba lid-Direttur tal-Gvern Lokali

30.9.1 Is-Sindku qal li rigward din it-talba fejn tlabna sabiex ningħataw fondi għall-pageant, hu qal li ingħata fondi min x'imkien ieħor u għalhekk għandna nsaqsuh għall-fondi sabiex jitranġa l-monument ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel.

## 30.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

30.10.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

# 30.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

30.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:00 u ġiet aġġornata għall-28 ta' Novembru 2017 fid-13:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv